# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006
**Educational Assessment Unit – Education Division**

**IT-TIELET SENA** **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** __________________

**<u>Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem:</u>**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| is-soċjetà | xogħol | is-saħħa | valuri | ċittadinanza |
| servizzi soċjali | opportunitajiet | kultura | solidarjetà | dixxiplina |

1. Jien ikolli ________________________ tal-pajjiż fejn nitwieled.
2. Fil-familja u fl-iskola s-sens ta' ________________________ jgħinna biex insaħħu l-karatttru tagħna u nkunu kapaċi ngħidu 'Le' li min jagħmlilna ħsara.
3. Min jaħdem għall-ġid tal-bnedmin oħra fis-soċjetà mingħajr flus ikun qed jagħmel ________________________.
4. L-imħabba, l-għajnuna u r-rispett huma lkoll ________________________ bżonnjużi fis-soċjetà li ngħixu fiha.
5. Il-lingwa u t-tradizzjoni huma parti importanti mill- ________________________ tagħna l-Maltin.
6. Permezz tal-ħidma jew ________________________ tagħna noħolqu l-ġid għalina nfusna u għal pajjiżna.
7. ________________________ nħarsuha billi nieklu ikel sustanzjuż u nagħmlu l-eżerċizzju.
8. Soċjetà fejn kulħadd għandu l-istess ________________________ hija soċjetà ġusta.
9. L-istat jipprovdi ________________________ lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.
10. ________________________ hi magħmula minn nies tal-pajjiż kollha flimkien.

**(10 marki)**

**<u>Taqsima B</u>: Aqra u wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

Aħna qegħdin ngħixu f'soċjetà <u>*interdipendenti*</u> fejn wieħed jiddependi mix-xogħol ta' l-ieħor. B'hekk naraw li għal kollox il-bniedem għandu dawk li ngħidulhom id-drittijiet kif ukoll d-dmirijiet. Dawn insibuhom anke meta nsemmu l-bniedem bħala <u>*konsumatur.*</u> Huwa importanti li naraw li wieħed ma jistax igawdi mid-drittijiet li għandu bħala konsumatur mingħajr ma jaqdi dmiru, dan għaliex id-dritt u d-dmir jimxu flimkien.

1. Xi jfissru l-kliem: interdipendenti, konsumatur?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

2. Semmi tliet dmirijiet u tliet drittijiet li għandhom il-konsumaturi.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3, 3 marki)

3. Xtrajt CD player u x'ħin mort id-dar sibtu difettuż. X'għandek tagħmel?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

4. Jekk tal-ħanut ma jgħinekx, għand min tista' tmur u kif jista' jgħinek?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

5. Xi tfisser irċevuta fiskali u garanzija?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (1, 1 marki)

**(15-il marka)**

**<u>Taqsima Ċ: Agħti t-tifsira ta' ħamsa (5) minn dawn il-kliem.</u>**

1. Ekonomija
2. Etika tax-xogħol
3. Tolleranza
4. Teknoloġija
5. Trejd Unjon
6. Saħħa privata
7. Ċittadin
8. Globalizzazzjoni
9. Monopolju
10. Sigurtà fuq il-post tax-xogħol

**(5 x 2 = 10 marki)**

**<u>Taqsima D</u>: Uri d-differenza bejn:**

1. Saħħa preventiva u saħħa kurattiva
2. Ekonomija ċentralizzata u ekonomija mħallta
3. Refuġjat u emigrant
4. L-ewwel u t-tielet dinja
5. Xogħol manwali u xogħol volontarju

**(20 marka)**

**<u>Taqsima E</u>: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Liema huma l-mezzi ta' komunikazzjoni li l-aktar jilħqu l-massa tan-nies?

___

___

___ (3 marki)

2. X'inhu r-rwol tal-mezzi ta' komunikazzjoni fis-soċjetà?

___

___

___ (3 marki)

3. Fisser 'pluraliżmu fix-xandir'?

___

___

___

___ (4 marki)

4. Għaliex taħseb li hawn ħafna nies li ma jgħixux mingħajr it-televixin fi djarhom? Agħti żewġ raġunijiet.

___

___

___

___ (3 marki)

5. Id-dinja saret villaġġ globali permezz tal-mezzi ta’ komunikazzjoni.
(Ikkumenta f’mhux inqas minn 50 kelma)

(6 marki)

**(20 marka)**

**<u>Taqsima F: Agħżel wieħed minn dawn u ikteb mhux inqas minn 250 kelma dwaru.</u>**

1. Nistgħu nqattgħu l-ħin liberu b’mod kostruttiv u b’mod distruttiv. Veru dan?
2. Jidher li f’Malta għandna rata għolja ta’ nies li korrew/mietu fuq il-post tax-xogħol. Għaliex?
   Kif jistgħu jiġu evitati inċidenti bħal dawn ’l quddiem?
3. L-importanza tax-xogħol fil-ħajja tal-bniedem.
4. Tkellem dwar proġett jew attività kulturali li għamilt fl-iskola matul is-sena.

**(25 marka)**